# IL-POETA RUŻAR BRIFFA (3)

## Bniedem li ma jħossux parti min-nies ta' madwaru

STEPHANIE CACCIATTOLO/ scacciattolo@unionprint.com.mt



*Ikompli mill-ġimgħa l-oħra*

Waħda mir-raġunijiet għaliex Briffa jħossu mdejjaq hi li ma jħossux parti min-nies ta' madwaru. F'"Il-Kotra u Jien" jieħu tliet fażijiet tal-ħajja li matulhom stinka biex jingħoġob mill-kotra imma kien kollu ta' xejn. Hu jibda bit-tfulija, fejn mar jgħanni lill-kotra dwar kemm hi sabiħa l-ħajja kollha logħob u innoċenza, iżda l-kotra mill-ewwel tinjorah u tgħid li kliemu mhu xejn ħlief "logħ'b ta' tarbija". Il-poeta jirritorna fiż-żgħożija u din id-darba jgħanni lill-kotra dwar is-sbuħija u l-ferħ tal-imħabba u l-poeżija iżda l-kotra terġa' tkeċċih għax ma jafx x'verament tof-fri l-ħajja u jgħix f'illużjoni. Fix-xjuħija jmur tal-aħħar jipprova jgħanni fost il-kotra dwar id-diq u s-solitudni li jaħkmuh u terġa' tiċħdu. Din id-darba jintebaħ li l-kotra aljenata għandha l-problemi tagħha u ma jkoll-hiex għalfejn tisma' l-problemi tiegħu:

"X'tiswa qatt lill-Kotra għajjiena
l-għanja li semmajtha jiena?
Għall-marid mhux Poeżija,
Imma s-serħ t'Anestesija."

Iċ-ċaħda tal-kotra ġegħlitu jitbiegħed minnha. F'"Waħdieni" Briffa jinsab "għajjien" u jħossu ma jista' jitferraħ b'xejn. Jinsab jimxi fit-toroq vojta waħdu u jfittex "xi qala mbiegħda, fejn / le tilħaq l-għajta ta' kemm nies ħajjiena tgħix mingħajr ħolm, u ma tissaħħar b'xejn". Hu ma jixtieqx ikun bħall-oħrajn, u għalhekk ifittex postijiet imwarrbin fin-natura biex ma jiġix influwenzat mill-kotra aljenata.

Il-poeta bħala bniedem imwarrab jitqabbel ma' Kristu fil-Ġetsemani meta sħabu ċaħduh fl-agħar mument ta' ħajtu. F'"Deżolazzjoni" Briffa jagħmel użu mill-intertestwalità biex juri ċ-ċaħda li qiegħed jgħaddi minnha hu. In-nies ma kinitx tifhem lil Kristu u waslet biex ikkundannatu għall-mewt. Lill-poeta n-nies ukoll ma tifhmux iżda minflok ikkundannatu għall-mewt, warrbitu. Dan it-twarrib u nuqqas ta' ftehim xejħu lill-poeta għax ma setax isib mistrieħ:

"Tal-ħolma tal-poeta
Li għanna u ma semgħuhx,
Tad-diq tal-Iben t'Alla
Li ħabb u ġieh ma tawhx."

Il-poeta baqa' jittama fil-kotra iżda din kull darba tiċħdu. F'"Lil Qalbi" jindirizza lil qalbu daqslikieku qiegħed ikellem tarbija. Hu jsejħilha "belhiena" u "miskina" għax tisfa' mweġġgħa mill-bnedmin u xorta tibqa' tittama fihom u jkompli jgħidilha li dan il-ħolm huwa "fieragħ". Hu jfarraġ lil qalbu billi jgħidilha li qabel meta ma kienet tħobb lil ħadd kienet kuntenta: "Qalbi, mhux hekk, mhux hekk, le, fil-warrani / Għax hienja kont, għax kont ma tħobb lil ħadd, / U tgħix għalik, għalik kulħadd barrani".

Bl-indirizz lil qalbu Briffa qiegħed jindirizza lilu nnifsu għaliex hu ħabb imma n-nies injoratu. Hu jrid jipprova jgħallem lilu nnifsu biex ma jibqax ifittex lill-kotra għax "swat biss il-Kotra, dmugħ taf tagħti, dnewwa". Briffa xorta waħda jibqa' jfittex post fil-kotra u jitbikkem hekk kif jibqa' jiġi miċħud. F'"Jiena ma naf Xejn" jikkritika lin-nies ipokriti għaliex minn wara dahar xulxin jgħidu kontra xulxin u kif jiġu wiċċ imb wiċċ qisu xejn mhu xejn. Il-poeta hu ddispjaċut li m'għandux ħbieb u li ħadd ma jsellimlu u jippreferi folla ipokrita li tagħtih wiċċ milli xejn. L-għerf tiegħu bħala tabib u poeta ma jgħinuhx jagħmel ħbieb u dan iwasslu biex jitħassar lilu nnifsu:-

"Jiena bla ħbieb,
U lili ħadd ma jsellem.
Għaref mill-kbar,
W għajnejja kollha ċpar."

L-osservazzjoni tal-kotra tidher fil-poeżija "Fuq Bank". Huwa "mbiegħed min-nies" u kif jara lin-nies ħbieb ma' xulxin jitbikkem ġewwa fih. Jinsab bilqiegħda ħdejn ħabibu li qiegħed iħossu barrani ħdejh. Il-poeta huwa ddispjaċut għax l-uniku ħabib li kellu matul it-tfulija m'għadux jafu sew u xorta jħossu waħdu minkejja li qiegħed ħdejh:

"Fil-għodwa tal-ħajja
Trabbejna flimkien;
X'ħin kbirna xi darba
Intlifna xi mkien."

Il-poeta jġarrab ħsus kuntrastanti għax filli jkun irid isir parti mill-kotra u drabi oħra jaħrab minnha, josservaha u jiġġudikaha. Din il-ħarba mimlija ġudizzju tidher fi "Quo Vadis?" fejn jantropomorfizza lil siġra tal-ħarruba. It-titlu jfisser "fejn sejjer/sejra?" għax il-poeta-siġra qed josserva l-għagla tan-nies u l-ġenn li għandhom biex ilaħħqu mar-rutina robotika tagħhom. Il-poeta jara lill-kotra aljenata bħala organiżmu li m'għandux ħjiel ta' umanità.

Ix-xbieha tas-siġra xiħa mimlija għerf u "mbiegħda mill-bqija ta' ħutha" hi referenza għall-poeta nnifsu. Il-poeta solitarju mhuwiex parti mill-kotra u qiegħed jiġġudika lill-bniedem għaliex ma japprezza xejn. Il-poeta jitbiegħed minn "dal-ħalja bnedmin" għax ma jridx ikun immexxi mill-inkonxju bħalhom inkella minflok jgħix ikun jeżisti biss.



*Jissokta l-ġimgħa d-dieħla*